MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 88

8 ta' Jannar 2018

Minuti tas-seduta Nru. 88 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra l-Viċi Sindku D. Vella, li għarraf permezz ta' imejl datat 18 ta' Diċembru 2017 illi kien indispost. Il-Kunsill innota u aċċetta r-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

### Kondoljanzi

Is-Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-mewt ta' omm is-Segretarju Eżekuttiv - is-Sinjura Giovanna Debono – li ġrat fit-22 ta' Diċembru 2017. Is-Sindku, flimkien mal-Kunsillieri preżenti taw il-kondoljanzi tagħhom. Is-Sur C. Debono rringrazzja lil dawk kollha li attendew il-funeral, jew li b'xi mod urew is sogħba tagħhom għall-mewt ta' ommu.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill osserva minuta silenzju.

## 1.0. Minuti

Il-minuti tas-seduta Nru. 87 tat-18 ta' Diċembru 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ftehim ta' Koperazzjoni Reġjonali dwar Installazzjoni u Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li wara l-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali, li saret fl-20 ta' Diċembru 2017, ġie rivedut it-test tal-ftehim imsemmi, liema test ġie mgħoddi qabel is-seduta. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li l-emendi proposti għall-klawsola numru 9, li issa saret numru 8, dwar il-proċedura ta' kif isir l-ordnar tax-xogħol u l-pagamenti, jidher li daħlu kif mitlub. It-test tagħha issa jaqra hekk:

*"8.1. Payments related to jobs ordered through the Street Light Programme System by Local Councils party to this agreement, are to be effected directly to the Contractor awarded the tender mentioned in section 4 of this agreement, upon:*

- *Presentation of an official fiscal invoice; and*
- *Certification by the Contract Manager.*

*8.2. Each Local Council agrees that upon the presentation of the above, payment shall be made to the Contractor within the stipulated timeframe in the contract and related legislation including the Late Payment Directive.".*

2.1.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw il-ftehim fid-data appuntata – id-9 ta' Jannar 2018.

### 2.2.1. *Mellieħa International Christmas Festival* 2017 (A/5/3/7)

2.2.2. Is-Sindku rreferi għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u rringrazzja lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini għall-kordinazzjoni tal-attivitajiet imsemmija, kif ukoll għal dik tal-Epifanija li kienet fis-7 ta' Jannar 2018. Huwa qal li l-*performers* li kien hemm fuq il-programm kienu ta' livell għoli, iżda sfortunatament l-attivitajiet tas-27 u 28 ta' Diċembru 2017 kienu affettwati ħażin bil-maltemp f'dik li hija attendenza. Huwa kkummenta wkoll illi l-kor li nġieb fil-Knisja tal-Manikata kien ta' livell għoli, iżda kienet ħasra li ma ġiex apprezzat biżżejjed, kif kien evidenti mill-attendenza baxxa li kien hemm. Huwa qal li għandha ssir evalwazzjoni tar-riżultati miksuba *vis-a-vis* id-dati u l-postijiet fejn għandhom iseħħu l-attivitajiet. Is-Sur J. Buttigieg qal li fil-ġranet bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena jkun diffiċli li jinġieb talent minn barra minn Malta.

2.2.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-attendenza fil-knisja tal-Manikata forsi kienet affettwata mill-fatt li kien hemm interval twil bejn tmiem-il Quddiesa u l-kunċert li ngħata.

2.2.4. Il-Kunsillier J. Attard irrimarka li t-tqassmim tal-fuljetti barra-il Mellieħa sar tard u għalhekk jista' ma kellhomx l-effett mixtieq. Is-Sindku qal li l-pubbliċità hija aspett ieħor li jrid jiġi evalwat u wieħed irid jara kemm qiegħed jinġieb il-valur tal-flus minfuqa bil-mezzi li qed jiġu wtilizzati.

2.2.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li biex jitnaqqas ir-riskju tal-maltemp, m'għandux ikun hemm iktar minn jum wieħed ta' attivitajiet fuq barra. Hija rringrazzjak lill-impjegati tal-Kunsill għall-impenn li urew f'dawn l-attivitajiet. Kompliet billi għarrfet lill-Kunsill li għalkemm l-ispejjeż tas-Sala Prof. Godfrey Wettinger u tal-Gwardjani Lokali u l-Pulizija kienu għadhom mhux magħrufa, l-ispiża telgħet €19,489, li €6,000 minnhom ser jiġu rkuprati mill-għota ta' €6,000 taħt l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali amministrata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 04/01/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 17/12/17 – 04/01/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Ftehim ta' Koperazzjoni dwar il-Manutenzjoni tad-Dwal tat-Toroq; u

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Wirja permanenti fl-Irziezet ta' Selmun (P/10/3A)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Diċembru 2017, mibgħut mill-Fondazzjoni ARKEO fejn għarrfu lill-Kunsill li ntlaqgħet proposta mill-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima – l-Onor. Jose' Herrera - sabiex f'wieħed mill-irziezet ta' Selmun tintrama wirja permenent dwar Natura 2000 fiż-żona ta' Selmun. B'riżultat ta' dan, żewġ uffiċjali mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi ġew fuq il-post, bil-għan li jissottomettu abbozz ta' pjan dwar x'għandu jsir u l-implimentazzjoni tiegħu.

4.1.3. Fl-istess imejl ġie espress it-tħassib tal-ARKEO rigward il-ħruġ tal-permess dwar iċ-ċentru ta' interpretazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar u staqsew fejn wasal il-proċess s'issa mal-Kummissjoni għad-Drittjiet ta' Persuni b'Diżabilità

4.1.4. Is-Sindku qal li diġà saru żewġ laqgħat mat-*Test of Reasonbleness Board* bil-għan li jikkonvinċu l-perit tal-Kummissjoni li mhux possibbli jsiru rampi fil-btieħi tal-irziezet, minħabba n-natura tal-istess binjiet. Minn naħa l-oħra, il-perit tal-Kunsill kellu jissottometti pjanti modifikati għall-konsiderazzjoni tal-*TORB*.

4.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll l-użu ta' wieħed mill-irżieżet sabiex issir wirja permanenti dwar il-varji siti fl-inħawi ta' Selmun u l-Imġiebaħ li huma skedati bħala Natura 2000.

### 4.2.1. *International Saxaphone Workshop* (P/10/29)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 7 ta' Jannar 2018, mibgħut mis-Sindku ta' Adenau – Arnold Hoffmann - fejn stieden lill-Kunsill sabiex mużiċisti li jdoqqu s-saxaphone jieħdu sehem fi proġett li ppjanat iseħħ bejn l-21 u l-24 ta' Ġunju 2018 f'Adenau l-Ġermanja. It-talba għall-finanzjament tiegħu ser issir lill-*Education, Audiovisual and Cultural Executive Agency* – permezz tal-Programm *Europe for Citizens - Network of Towns 2018 (Round 1).*

4.2.3. Is-Sindku ppropona li jsir kuntatt mal-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa bil-għan li jiġi evalwat l-interess li hemm minn naħa tagħhom f'dan il-proġett.

4.2.4. Il-Kunsill laqa' proposta skont il-minuta 4.2.3. aktar 'il fuq.

### 4.3.1. Lejla ta' qari ta' kitbiet (A/5/5/Vol VII)

4.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal stedina illi saret mill-kittieb Trevor Zahra li talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tittella' serata ta' qari ta' kitbiet tiegħu għall-kbar, li jinkludu novelli, poeżiji u siltiet varji, li wħud minnhom huma ta' natura umoristika. Is-serata tieħu madwar siegħa u jitwieġbu mistoqsijiet li jistgħu jsiru minn dawk preżenti.

4.3.3. Il-Kunsill laqa' din l-istedina u kien tal-fehma li din l-attività sseħħ lejn l-aħħar ta' Marzu 2018.

### 4.4.1. Regolamenti dwar artijiet rurali degredati (A/4/5/Vol IV)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 21 ta' Diċembru 2017 li permezz tiegħu l-Awtorità tal-Ippjanar għarrfet li nediet proċess ta' konsultazzjoni li jittrata regolamenti dwar l-azzjoni fuq depożitu ta' materjal u fuq riklamazzjoni illegali ta' art. Is-Sur J. Buttigieg appella sabiex minn għandu kummenti dwarhom jgħaddihom sat-22 ta' Jannar 2018.

4.4.3. Il-Kunsill ħa nota.

### 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 4 ta' Jannar 2018.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-17 ta' Diċembru 2017 u l-4 ta' Jannar 2018.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 7.1. Sejħa għall-offerti MLC 10/2017 – Servizz dwar Ġbir ta' Skart Goff (K/6/8)

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ltaqa' darbtejn dwar din is-sejħa u ntalbu kjarifiki fl-istadju ta' evalwazzjoni dwar:

(a) Kopja tal-*Waste Carrier Permit Class* D2 – Ġarr ta' skart elettroniku;

(b) Ftehim bil-kitba bejn l-offerent u l-proprjetarju tal-garaxx, jew bitħa fejn jinżammu vetturi u tagħmir waqt li ma jkunx qed jintuża; u

(c) Ritratti ċari tal-vettura li jindikaw il-faċilità ta' *tail lift* jew *gib*.

7.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-uniku offerent li rrisponda għas-sejħa -Antoine Fenech – naqas li jgħaddi t-tagħrif mogħti sad-data u ħin stabbilit.

7.4. Is-Sindku ppropona li għalkemm il-vettura jew vetturi wżati b'rabta mal-kuntratt għandhom ikunu koperti bil-permessi tal-ERA li jkopru kull tip ta' skart goff speċifikat fid-dokument tal-offerta, il-ħtieġa ta' *tail lift* jew *gib* tista' titneħħa, għaliex b'hekk ikun hemm aktar offerenti jwieġbu għas-sejħa. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll l-użu ta' dawn il-faċilitajiet għandha tkun għażla tal-kuntrattur u mhux rekwiżit impost mill-Kunsill.

7.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-ipproċessar tas-Sejħa MLC 10/2017 għandu jieqaf, filwaqt li ssir waħda ġdida, bid-dokument tal-offerta emendat kif propost fil-minuta 7.4. aktar 'il fuq.

## 8.1. Estimi Finanzjarji għall-2018 (T/4/13/Vol XI)

8.2. Is-Segretarju għarraf li huwa ddiskuta mal-*Accountant* l-abbozz tal-Estimi mressaq fis-seduta preċedenti bil-għan li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja jinġieb f'livell 'il fuq minn 10%, skont ir-Regolament 4(1)(c) (Sezzjoni II). Biex dan il-perċentwali jintlaħaq, in-nefqa għandha titnaqqas b'madwar €115,000. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li għaldaqstant sar tnaqqis mill-voti kif preżentati fis-seduta ta' qabel, kif jidher hawn taħt:

| Vot Nru. | Deskrizzjoni | Ammont Oriġinali (€) | Ammont Rivedut (€) |
|---|---|---|---|
| (2) 2311 | Bankini | 8,000.00 | 7,000.00 |
| (3) 2311 | Bini | 5,000.00 | 4,000.00 |
| (4) 2311 | *Culverts* | 5,000.00 | 5,000.00 |
| (5) 2311 | Ħitan tas-Sejjieħ | 2,000.00 | 1,000.00 |
| (6) 2311 | Tisbiħ | 2,000.00 | 1,500.00 |
| (7) 2311 | Skalli u Mollijiet | 8,000.00 | 4,000.00 |
| (9) 2311 | Tħammil | 1,500.00 | 1,500.00 |
| (12) 2311 | Toroq tal-Bdiewa | 11,000.00 | 7,000.00 |
| 2319 | *Litter Bins* | 10,000.00 | 5,000.00 |
| 2375 | Proprjetà tal-Kunsill | 4,000.00 | 3,000.00 |
| 2970 | Magazines tal-Kunsill | 9,544.00 | 7,200.00 |
| 3061 | Parki u Ġonna | 56,575.00. | 54,575.00 |
| 3140 | Legal Services | 6,000.00 | 4,000.00 |
| 3801 | Ġemellaġġ Adenau | 5,649.00 | 3,500.00 |
| 3802 | Ġemellaġġ Cavriglia | 5,649.00 | 3,500.00 |
| 3803 | Ġemellaġġ Agia Napa | 5,649.00 | 3,500.00 |
| 7505 | Proġett tat-Tunnara | 8,000.00 | 1,000.00 |
| 7507 | Proġett ta' Misraħ il-Parrocca Mellieħa | 85,000.00 | 80,000.00 |
| 7518 | Tisbiħ ta' Turġien | 165,000.00 | 160,000.00 |
| 7528 | Restawr ta' Passaġġ fi Triq il-Marfa | 63,000.00 | 55,000.00 |

8.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-vot 3042 li jinvolvi s-servizz dwar il-Ġbir tal-Iskart Goff u qal li dan kien bbażat fuq l-unika u l-aħħar offerta mitfugħa (MLC 10/2017), liema offerta ġiet rifjutata. Huwa ppropona li n-nefqa stmata tkun fuq dik reġistrata fl-2016, miżjuda bi ftit biex issir €20,000. Id-differenza ta' €9,000 tista' tittieħed mill-vot kapitali tal-*Culverts* (7512), fejn in-nefqa mistennija tkun inqas minn dik indikata fl-estimi ppreżentati fis-seduta preċedenti.

8.4. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa fil-minuti 8.2 u 8.3.

## 9.1. *Jazz Night* bħala parti mill-attivitajiet tal-Valletta 18 (A/5/5/Vol VII)

*9.2.* Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li fit-13 ta' Lulju 2018 ser jittellgħu siltiet mużikali mill-Burhan Öçal's Bosphorus Quartet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, bħala parti mill-attivitajiet kulturali organizzati mill-Fondazzjoni Valletta 18. Hija qalet li l-organizzaturi appellaw sabiex il-Kunsill jipprovdi s-siġġijiet għal din l-okkażjoni.

9.3. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 9.2. aktar 'il fuq, kif ukoll li l-latrina pubblika tinżamm miftuħa u jinġieb is-servizz ta' *first aider*.

## 10.1. Ħarġa tan-*newsletter* tal-Kunsill "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

10.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-ħarġa ta' Diċembru 2017 tal-pubblikazzjoni msemmija u lmenta li l-abbozz tiegħu ma' ġiex mgħoddi lill-Kunsillieri qabel mar għall-istampar.

10.3. Is-Sindku kkonferma li l-abbozz ma tqassamx qabel lill-Kunsillieri kif soltu jsir, peress li kien hemm pressjoni sabiex jitqassam qabel il-festi tal-Milied.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8:30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**